MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2273/2003

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Mark Paul FitzPatrick**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm476.00) rapprezentanti import ta' sebgha kambjali kollha ta' tmienja u sittin lira Maltin (Lm68.00) il-wahda debitament accettati u skaduti minn Mejju 2003 sa Novembru 2003 rispettivamnet u mhux imhallsa hawn annessi bhala dokumenti l sa 7 konsekutivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-4 ta' Novembru 2003 jammontaw ghal disgha lira Maltin (Lm9.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' qbid numru 2388/03JTA kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm476.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid imsemmi fl-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------